

32006R1115

L 199/6

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

21.7.2006

TAR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1115/2006**ta' l-20 ta' Lulju 2006****li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 3703/85 li jipprovdi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' livelli komuni fis-suq għal ċerti ħut frisk jew imkessaħ**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura¹ u b'mod partikulari l-Artikolu 2(3) u l-Artikolu 3(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2406/96 tas-26 ta' Novembru 1996 li jistabbilixxi standards komuni għall-marketing għal ċerti prodotti tal-industrija tas-sajd² u b'mod partikulari l-Artikolu 8(4) u l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi:

- (1) Regolament (KE) Nru 2406/96 jistabbilixxi standards komuni għall-marketing għal ċerti prodotti tal-industrija tas-sajd. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dawk l-istandards huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3703/85³.
- (2) Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 2406/96 jipprovdi l-possibiltà li jiġu ggradati speċijiet pelaġiċi fuq il-bażi ta' sistema ta' kampjunar sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-istandards komuni tal-kummerċ għal dawn l-ispeċijiet.
- (3) Wara l-emenda tar-Regolament (KE) Nru 2406/96 mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 790/2005⁴, l-istandards komuni tal-kummerċ ġew iffissati wkoll għal-laċċa kaħla.

¹ ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22. Ir-Regolament kif emendat bl-Att tal-Adeżjoni tal-2003.

² ĠU L 334, 23.12.1996, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 790/2005 (ĠU L 132, 26.5.2005, p.15).

³ ĠU L 351, 28.12.1985, p. 63. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 3506/89 (ĠU L 342, 24.11.1989, p. 11).

⁴ ĠU L 132, 26.5.2005, p. 15

- (4) Ir-regoli dettaljati biex jiġu ggradati u miżuna l-ispeċi pelaġiċi stipulati mir-Regolament (KEE) Nru 3703/85 bħalissa ma japplikawx għal-laċċa kaħla. Għaldaqstant, dak ir-Regolament għandu jiġi emendat sabiex ikopri dik l-ispeċi wkoll.
- (5) [Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ġestjoni tal-Prodotti tas-Sajd],

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Regolament (KE) Nru 3703/85 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Anness I, l-annotazzjoni stipulata fl-Anness għal dan ir-Regolament hija miżjuda.
- (2) F'Anness II, l-annotazzjoni li ġejja hija miżjuda:
- “8. Sardin tal-ispeċi *Sprattus sprattus*”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Lulju 2006.

Joe BORG

Għall-Kummissjoni

Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

Speċi	Daqs	Volum m ³	Koeffiċjenti
Laċċa kaħla	1	1	0,92